ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 130

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

28 ta' Mejju 2009

Werrej

IV *Atti oħrajn*

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 21/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** .......... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** .......... 6

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 23/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** .......... 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** .......... 12

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 25/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet vetinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** .......... 15

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 17

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 19

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 21

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 22

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 23

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 31/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XI (Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 25

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 32/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 26

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 33/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE** ..... 27

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 34/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 28

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE** ..... 29

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 36/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 30

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 37/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistika) al-Ftehim taż-ŻEE** ..... 31

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 38/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 33

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 39/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 34

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet** 36

MT

IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 21/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003 tat-23 ta' Ġunju 2003 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 499/2004 tas-17 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2003 dwar il-limitu ta' żmien u l-mudell għar-rapportaġġ fis-settur tal-bovini (jew tal-ifrat) [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lametti tal-widnejn, tal-passaporti u tar-reġistri [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

---

[1] ĠU L 339, 18.12.2008, p. 98.
[2] ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.
[3] ĠU L 156, 25.6.2003, p. 9.
[4] ĠU L 80, 18.3.2004, p. 24.
[5] ĠU L 163, 30.4.2004, p. 65.

(6) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 644/2005 tas-27 ta' April 2005 li jawtorizza sistema ta' identifikazzjoni speċifika għall-annimali bovini miżmuma għal għanijiet kulturali u storiċi f'postijiet approvati kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/764/KE tat-22 t'Ottubru 2004 dwar estensjoni tal-perjodu massimu stabbilit għall-applikazzjoni tal-imsielet tal-widnejn lil ċerti annimali bovini li jinżammu fir-riżervi naturali tal-Olanda [2], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/28/KE tat-18 ta' Jannar 2006 dwar estensjoni tal-perjodu massimu biex jitwaħħlu l-lametti tal-widnejn fuq ċerti annimali bovini [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/132/KE tat-13 ta' Frar 2006 li tirrikonoxxi il-karattru kompletament operazzjonali tad- database Taljana dwar l-annimali bovini [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 [5] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1792/2006 [6] huma diġa inkorporati fil-Ftehim, iżda għandhom jiżdiedu bħala atti ta' emenda lir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament (KE) Nru 911/2004 rispettivament.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 [7], li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt il-Ftehim.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2003 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2630/97 [8], li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt il-Ftehim.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 911/2004 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2629/97 [9], li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt il-Ftehim.

(14) Id-Deċiżjoni 2006/28/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/589/KE [10] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar taħt il-Ftehim.

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2628/97 [11] li hu inkorporat fil-Ftehim skada u konsegwentement għandu jitħassar taħt il-Ftehim.

(16) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda bil-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu 1 tal-Anness I.

(17) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

---

(1) ĠU L 107, 28.4.2005, p. 18. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 275M, 6.10.2006, p. 341.
(2) ĠU L 339, 16.11.2004, p. 9.
(3) ĠU L 19, 24.1.2006, p. 32. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 118M, 6.10.2007, p. 88.
(4) ĠU L 52, 23.2.2006, p. 33. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 118M, 6.10.2007, p. 247.
(5) ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 629.
(6) ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1.
(7) ĠU L 117, 7.5.1997, p. 1.
(8) ĠU L 354, 30.12.1997, p. 23.
(9) ĠU L 354, 30.12.1997, p. 19.
(10) ĠU L 283, 21.10.1998, p. 19.
(11) ĠU L 354, 30.12.1997, p. 17.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1760/2000, Nru 1082/2003, Nru 499/2004, Nru 911/2004, Nru 644/2005 u d-Deċiżjonijiet 2004/764/KE, 2006/28/KE u 2006/132/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment għaż-ŻEE li hemm miegħu.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 7a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97) fil-Parti 1.1 għandu jitħassar.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 7b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 21/2004) fil-Parti 1.1:

"7c. **32000 R 1760**: ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1), kif emendat minn:

— **32006 R 1791**: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1)."

3. It-testi tal-punti 70 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2628/97), 71 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2629/97) u 72 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2630/97) fil-Parti 1.2 għandhom jitħassru.

4. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara il-punt 139 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE) fil-Parti 1.2:

"140. **32003 R 1082**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003 tat-23 ta' Ġunju 2003 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 9), kif emendat minn:

— **32004 R 0499**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 499/2004 tas-17 ta' Marzu 2004 (ĠU L 80, tat-18.3.2004, p. 24).

141. **32004 R 0911**: ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 911/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lametti tal-widnejn, tal-passaporti u tar-reġistri (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 65), kif emendat minn:

— **32006 R 1792**: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1792/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, dan li jmiss għandu jiżdied:

| | |
|---|---|
| 'L-Iżlanda | IS |
| In-Norveġja | NO' |

142. **32005 R 0644**: Ir-Regolament tal- Kummissjoni (KE) Nru 644/2005 Nru 644/2005 tas-27 ta' April 2005 li jawtorizza sistema ta' identifikazzjoni speċifika għall-annimali bovini miżmuma għal għanijiet kulturali u storiċi f'postijiet approvati kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 107, 28.4.2005, p. 18).

143. **32006 D 0028**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/28/KE tat-18 ta' Jannar 2006 dwar estensjoni tal-perjodu massimu biex jitwaħħlu l-lametti tal-widnejn fuq ċerti annimali bovini (ĠU L 19, 24.1.2006, p. 32)."

5. Taħt l-intestatura *"L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW"* fil-Parti 1.2, it-test tal-punt 2 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/589/KE) għandu jitħassar:

6. Taħt l-intestatura *"L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW"* fil-Parti 1.2, għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin wara l-punt 23 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/615/KE):

"24. **32004 D 0764**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/764/KE tat-22 ta' Ottubru 2004 dwar estensjoni tal-perjodu massimu stabbilit għall-applikazzjoni tal-imsielet tal-widnejn lil ċerti annimali bovini li jinżammu fir-riżervi naturali tal-Olanda, (ĠU L 339, 16.11.2004, p. 9).

25. **32006 D 0132**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/132/KE tat-13 ta' Frar 2006 li tirrikonoxxi il-karattru kompletament operazzjonali tad-database Taljana dwar l-annimali bovini (ĠU L 52, 23.2.2006, p. 33)."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 22/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn "il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/594/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 li temenda l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE dwar ċertifikati veterinarji mudelli għall-kummerċ intra-Komunitarju tat-tjur u bajd għat-tfaqqis biex jitqiesu ċerti ħtiġijiet għas-saħħa pubblika [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/683/KE tat-18 ta' Ottubru 2007 li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni tal-Ungerija [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE tas-7 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE, 90/539/KEE, 92/35/KEE, 92/119/KEE, 93/53/KEE, 95/70/KE, 2000/75/KE, 2001/89/KE, 2002/60/KE u d-Deċiżjonijiet 2001/618/KE u 2004/233/KE fir-rigward tal-listi tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali u l-istituti Statali [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/846/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi mudell għal-listi ta' entitajiet approvati mill-Istati Membri skont provvedimenti varji tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità, u r-regoli li japplikaw għat-trażmissjoni ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/870/KE tal-21 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-pjanigħall-2008 għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ u t-tilqim ta' dawn il-ħnieżer u ta' ħnieżer fi stabbilimenti kontra din il-marda fir-Rumanija [6] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni 2007/846/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/106/KE [7] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar taħt il-Ftehim.

(8) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein,

(1) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 98.
(2) ĠU L 227, 31.8.2007, p. 33.
(3) ĠU L 281, 25.10.2007, p. 27.
(4) ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26.
(5) ĠU L 333, 19.12.2007, p. 72.
(6) ĠU L 340, 22.12.2007, p. 105.
(7) ĠU L 39, 9.2.2001, p. 39.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/594/KE, 2007/683/KE, 2007/729/KE, 2007/846/KE u 2007/870/KE, fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, fis-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-inċiż li jmiss għandu jiżdied mal-punti 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE), 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE), 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE), 9a (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE) u 9b (id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE) fil-Parti 3.1, punti 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KE) u 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1, punti 64 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE) u 76 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE) fil-Parti 4.2 u fil-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KE) fil-Parti 8.1:

"— **32007 D 0729**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE tas-7 ta' Novembru 2007 (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26)."

(2) Fl-adattament (a) fil-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE) fil-Parti 3.1 u fl-adattament tat-test fil-punt 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE) fil-Parti 3.1 il-kliem "In-Norveġja: Statens Veterinære Institut for Virusforskning, Lindholm, 4771 Kalvehave, Id-Danimarka" għandhom jinbidlu b'dan li jmiss:

| | |
|---|---|
| "NO | National Veterinary Institute<br>PO Box 750 Sentrum<br>0106 Oslo<br>In-NORVEĠJA<br>Tel. +47 23216000<br>Faks +47 23216001" |

(3) Dan li jmiss għandu jiżdied fil-punt 9a (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE) fil-Parti 3.1:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fil-punt A tal-Anness I, dan li jmiss għandu jiġi miżjud:

| | |
|---|---|
| NO | National Veterinary Institute<br>PO Box 750 Sentrum<br>0106 Oslo<br>In-NORVEĠJA<br>Tel. +47 23216000<br>Faks +47 23216001" |

(4) Fl-adattament tat-test fil-punt 9b (id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE) fil-parti 3.1 il-kliem "Norway Danmarks Veterinære Institut – Avdeling for Virologi, Lindholm, 4771 Kalvehave" għandhom jinbidlu b'dan li jmiss:

| | |
|---|---|
| "NO | National Veterinary Institute<br>PO Box 750 Sentrum<br>0106 Oslo<br>In-NORVEĠJA<br>Tel. +47 23216000<br>Faks +47 23216001" |

(5) It-test tal-adattament (f) tal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) fil-Parti 4.1 għandu jinbidel b'dan li jmiss:

"(f) Fl-Anness D, Kapitolu II (A) (2), għandu jiżdied dan li jmiss dwar istituti uffiċjali:

| | |
|---|---|
| NO | National Veterinary Institute<br>PO Box 750 Sentrum<br>0106 Oslo<br>In-NORVEĠJA<br>Tel. +47 23216000<br>Faks +47 23216001" |

(6) Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 64 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE) fil-Parti 4.2:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattament li jmiss:

Fil-paragrafu 2(d) tal-Anness III, għandu jiżdied dan li jmiss:

| | |
|---|---|
| NO | National Veterinary Institute<br>PO Box 750 Sentrum<br>0106 Oslo<br>In-NORVEĠJA<br>Tel. +47 23216000<br>Faks +47 23216001" |

(7) Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 76 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KEE) fil-Parti 4.2:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattament li jmiss:

Fl-Anness I għandu jiżdied dan li jmiss:

**In-Norveġja**

National Veterinary Institute
PO Box 750 Sentrum
0106 Oslo
In-NORVEĠJA
Tel. +47 23216000
Faks +47 23216001"

(8) Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW*", il-punti li jmiss għandhom jiddaħħalu wara l-punt 41 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/590/KE) fil-Parti 3.2:

"42. **32007 D 0683**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/683/KE tat-18 ta' Ottubru 2007 li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni tal-Ungerija (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 27).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda.

43. **32007 D 0870**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/870/KE tal-21 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-pjani għall-2008 għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ u t-tilqim ta' dawn il-ħnieżer u ta' ħnieżer fi stabbilimenti kontra din il-marda fir-Rumanija (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 105).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda."

(9) L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 8.1:

"— **32007 D 0594**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/594/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 227, 31.8.2007, p. 33)."

(10) Li ġej għandhu jiżdied fit-test tal-adattament fil-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1:

"(h) Fl-Anness IV, il-kelma 'Norveġja' għandha tiddaħħal wara l-kelma 'Finlandja' fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 1, fin-nota Nru 4 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 2, fin-nota Nru 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 3, fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 4, fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 5, u fin-nota Nru 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 6"

(11) Dan li jmiss għandu jiżdied fil-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 8.1:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamnet li ġej:

Fl-Anness IV, il-kelma 'Norveġja' għandha tiddaħħal wara l-kelma 'Finlandja' fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 1, fin-nota Nru 4 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 2, fin-nota Nru 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 3, fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 4, fin-nota Nru 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 5, u fin-nota Nru 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 6"

(12) It-test tal-punt 61 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/106/KE) tal-Parti 4.2 għandu jitħassar.

(13) Il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-Punt 82 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1739/2005) fil-Parti 4.2:

"83. **32007 D 0846**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/846/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi mudell għal-listi ta' entitajiet approvati mill-Istati Membri skont provvedimenti varji tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità, u r-regoli li japplikaw għat-trasmissjoni ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 72).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 23/2009

## tas-17 ta’ Marzu 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 393/2008 tat-30 ta’ April 2008 dwar l-awtorizzazzjoni tal-astaxanthin dimethyldisuccinate bħala addittiv fl-għalf ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m’għandhiex tapplika għal-Liechtenstein

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 1zzzzn (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 209/2008) fil-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim:

“1zzzzo. **32008 R 0393**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 393/2008 tat-30 ta’ April 2008 dwar l-awtorizzazzjoni tal-astaxanthin dimethyldisuccinate bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 20)”.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 393/2008 fil-lingwi Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-18 ta’ Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 117, 1.5.2008, p. 20.
(*) M’huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 24/2009**

**tas-17 ta’ Marzu 2009**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 [1].

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta’ April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta’ applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta’ addittivi fl-għalf [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 505/2008 tas-6 ta’ Ġunju 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta’ użu ġdid tat-3-phytase (Natuphos) bħala addittiv tal-għalf [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 516/2008 tal-10 ta’ Ġunju 2008 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1200/2005, (KE) Nru 184/2007, (KE) Nru 243/2007, (KE) Nru 1142/2007, (KE) Nru 1380/2007 u (KE) Nru 165/2008 fir-rigward tat-termini tal-awtorizzazzjoni ta’ ċerti addittivi għal użu ta’ nutriment għall-annimali [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2008 tas-17 ta’ Ġunju 2008 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2430/1999, (KE) Nru 2380/2001 u (KE) Nru 1289/2004 fir-rigward tat-termini tal-awtorizzazzjonijiet ta’ ċerti addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 554/2008 tas-17 ta’ Ġunju 2008 rigward l-awtorizzazzjoni ta’ 6-phytase (Quantum Phytase) bħala addittiv fl-għalf [6], kif korrett mill-ĠU L 173, 3.7.2008, p. 31, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni m’għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

[1] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 32.
[2] ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1.
[3] ĠU L 149, 7.6.2008, p. 33.
[4] ĠU L 151, 11.6.2008, p. 3.
[5] ĠU L 158, 18.6.2008, p. 3.
[6] ĠU L 158, 18.6.2008, p. 14.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-inċiż li ġej għandu jiġu miżjud fil-punt 1k (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2430/1999):

"— **32008 R 0552**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 552/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 158, 18.6.2008, p. 3)."

(2) Li ġej għandu jigi miżjud mal-punti 1y (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2380/2001) u 1zy (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2004):

" , kif emendat b':

— **32008 R 0552**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 552/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 158, 18.6.2008, p. 3)."

(3) L-inċiż li ġej għandu jiġu miżjud fil-punt 1zzm (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005):

"— **32008 R 0516**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 516/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 3)."

(4) Li ġej għandu jiġi miżjud mal-punti 1zzzj (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 184/2007), 1zzzn (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 243/2007), 1zzzzd (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1142/2007), 1zzzze (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1380/2007) u 1zzzzk (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 165/2008):

" , kif emendat b':

— **32008 R 0516**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 516/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 3)."

(5) Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzzzo (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 393/2008):

"1zzzzp. **32008 R 0505**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 505/2008 tat-6 ta' Ġunju 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għal 3-phytase (Natuphos) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 33).

1zzzzq. **32008 R 0554**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 554/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 rigward l-awtorizzazzjoni ta' 6-phytase (Quantum Phytase) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 158, 18.6.2008, p. 14), kif korrett mill-ĠU L 173, 3.7.2008, p. 31."

(6) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 3a (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98):

"3b. **32008 R 0429**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 429/2008, Nru 505/2008, Nru 516/2008, Nru 552/2008 u Nru 554/2008, kif korretti bil-ĠU L 173, 3.7.2008, p. 31 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment għaż-ŻEE li hemm miegħu.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 25/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet vetinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/83/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Direttiva 2003/91/KE li tistabilixxi l-miżuri għall-finijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom ikunu koperti bħala minimu permezz tal-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' ħaxix ([3]) għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/462/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 li teħles lill-Bulgarija, lis-Slovakkja u lir-Renju Unit minn ċerti obbligi għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward ta' *Galega orientalis* Lam ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 15 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/91/KE) fit-Taqsima 1;

"— **32008 L 0083**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/83/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 219, 14.8.2008, p. 55)."

2. L-inċiż li ġej għandu jigi inserit wara l-punt 51 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/853/KE) fit-Taqsima 2;

"52. **32008 L 0062**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 13)."

([1]) ĠU L 257, 25.9.2008, p. 19.
([2]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 13.
([3]) ĠU L 219, 14.8.2008, p. 55.
([4]) ĠU L 160, 19.6.2008, p. 33.

3. Taħt l-intestatura *ATTI LI SE JIĠU KKUNSIDRATI MILL-ISTATI EFTA U MILL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA* il-punt li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt 77 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/321/KE):

"78. **32008 D 0462**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/462/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 li teħles lill-Bulgarija, lis-Slovakkja u lir-Renju Unit minn ċerti obbligi għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward ta' *Galega orientalis* Lam (ĠU L 160, 19.6.2008, p. 33)."

*L-Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2008/62/KE u 2008/83/KE u d-Deċiżjoni 2008/462/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-18 ta' Marzu 2009, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103 (1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

*L-Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 26/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2009 tat-5 ta' Frar 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2008 tat-12 ta' Frar 2008 li jemenda u jikkoreġi l-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti tal-ikel [2] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/2008 tas-17 ta' April 2008 li jipprovdi għal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom jipprovdi r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għal dan fil-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (Riformolat) [3] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 345/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 94/92 [4], li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt il-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kapitoli XII tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-ewwel inċiż (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru94/92), l-inċiż 17 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 314/97), l-inċiż 20 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1367/98), l-inċiż 26 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1566/2000), l-inċiż 29 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2589/2001), l-inċiż 30 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 548/2000), l-inċiż 31 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru1616/2000), l-inċiż 32 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2426/2000), l-inċiż 33 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2001), l-inċiż 36 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/2002), l-inċiż 37 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2382/2002), l-inċiż 39 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 545/2003), l-inċiż 41 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2144/2003), u l-inċiż 57 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 956/2006) ta' punt 54b (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91) għandhom jiġu mħassra.

---

[1] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 38.
[2] ĠU L 38, 13.2.2008, p. 3.
[3] ĠU L 108, 18.4.2008, p. 8.
[4] ĠU L 11, 17.1.1992, p. 14.

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 54b (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91):

"— **32008 R 0123**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2008 tat-12 ta' Frar 2008 (ĠU L 38, 13.2.2008, p. 3)."

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzzw (Direttiva tal-Kummissjoni 2008/5/KE):

"54zzzx. **32008 R 0345**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/2008 tas- 17 ta' April 2008 li jipprovdi għal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom jipprovdi r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għal dan fil-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (Riformolat) (ĠU L 108, 18.4.2008, p. 8)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 123/2008 u 345/2008 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment għaż-ŻEE li hemm miegħu.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 27/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2009 tal-5 ta' Frar 2009 [1].

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 597/2008 tal-24 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 372/2007 li jistipula limiti ta' migrazzjoni transizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotjien intiżi biex jiġu f'kuntatt mal-ikel [2] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (Verżjoni kodifikata) [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/478/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta' sustanzi ta' taħwir użati fi jew fuq oġġetti tal-ikel [4] għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(5) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/103/KE tal-4 ta' Frar 2008 dwar programm ikkoordinat ta' monitoraġġ mill-Komunità għall-2008 biex tiġi aċċertata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti u li tikkonċerna programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għall-2009 [5] għandha tkun inkoporata fil-Ftehim.

(6) Direttiva 2008/60/KE tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE [6] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kapitolu XII tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Ir-raba' inċiż (Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE) tal-punt 16 (Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE) u t-test tal-punt 46a (Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE) għandhom jiġu mħassra.

(2) Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 54v (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE):

"— **32008 D 0478**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/478/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 42)."

(1) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 38.
(2) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 12.
(3) ĠU L 158, 18.6.2008, p. 17.
(4) ĠU L 163, 24.6.2008, p. 42.
(5) ĠU L 36, 9.2.2008, p. 7.
(6) ĠU L 178, 28.7.1995, p. 1.

(3) Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 54zzzr (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 372/2007):

" , kif emendat b':

— **32008 R 0597**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 597/2008 tal-24 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 12)."

(4) Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 54zzzx (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/2008):

"54zzzy. **32008 L 0060**: Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 158, 18.6.2008, p. 17)."

(5) Taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA*" il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 64 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/196/KE):

"65. **32008 H 0103**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/103/KE tal-4 ta' Frar 2008 dwar programm ikkoordinat ta' monitoraġġ mill-Komunità għall-2008 biex tiġi aċċertata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti u li tikkonċerna programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għall-2009 (ĠU L 36, 9.2.2008, p. 7).".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 597/2008 u tad-Direttiva 2008/60/KE, Deċiżjoni 2008/478/KE u Rakkomandazzjoni 2008/103/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 28/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/15/KE tal-15 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-clothianidin bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/16/KE tal-15 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-etofenprox bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li jmiss għandu jiżdied mal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32008 L 0015**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/15/KE tal-15 ta' Frar 2008 (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 45),

— **32008 L 0016**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/16/KE tal-15 ta' Frar 2008 (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 48)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2008/15/KE u 2008/16/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 22.
([2]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 45.
([3]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 48.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 29/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2008 tal-25 ta' April 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/14/KE tal-15 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar prodotti kosmetiċi, għall-għan tal-adattament tal-Anness III tagħha għall-progress tekniku ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1 (Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE) tal-Kapitolu XVI tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32008 L 0014**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/14/KE tal-15 ta' Frar 2008 (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 43)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/14/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 45.
([2]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 43.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 30/2009

## tas-17 ta’ Marzu 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 [1].

(2) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 [2].

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1494/2007 tas-17 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-forma tat-tikketti u rekwiżiti addizzjonali ta’ tikkettar rigward prodotti u tagħmir li jkollhom ċerti gassijiet serra fluworinati [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 tat-18 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi, b’segwitu għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti standard għal kontrolli ta’ tnixxija minn sistemi stazzjonarji ta’ protezzjoni min-nar li fihom ċerti gassijiet serra florinati [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 tad-19 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti standard għall-kontroll ta’ tnixxija minn tagħmir stazzjonarju ta’ refriġerazzjoni, ikkundizzjonar tal-arja u b’pompa tas-sħana li jkun fihom ċerti gassijiet serra florinati [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu inklużi wara l-punt 9b (ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu XVII tal-Anness II tal-Ftehim:

“9ba. **32007 R 1494**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1494/2007 tas-17 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-forma tat-tikketti u rekwiżiti addizzjonali ta’ tikkettar rigward prodotti u tagħmir li jkollhom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 25).

9bb. **32007 R 1497**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 tat-18 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi, b’segwitu għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti standard għal kontrolli ta’ tnixxija minn sistemi stazzjonarji ta’ protezzjoni min-nar li fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 4).

[1] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 42.
[2] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 57.
[3] ĠU L 332, 18.12.2007, p. 25.
[4] ĠU L 333, 19.12.2007, p. 4.
[5] ĠU L 335, 20.12.2007, p. 10.

9bc. **32007 R 1516**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti standard għall-kontroll ta' tnixxija minn tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ikkundizzjonar tal-arja u b'pompa tas-sħana li jkun fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 10).".

*Artikolu 2*

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu inklużi wara l-punt 21aq (ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"21aqa. **32007 R 1494**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1494/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-forma tat-tikketti u rekwiżiti addizzjonali ta' tikkettar rigward prodotti u tagħmir li jkollhom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 25).

21aqb. **32007 R 1497**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 tat-18 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, b'segwitu għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti standard għal kontrolli ta' tnixxija minn sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar li fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 4).

21aqc. **32007 R 1516**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti standard għall-kontroll ta' tnixxija minn tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ikkundizzjonar tal-arja u b'pompa tas-sħana li jkun fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 10).".

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 1494/2007, 1497/2007 u 1516/2007 bl-ilsien Iżlandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 31/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness XI (Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati tal-użu tal-ispettru għall-operazzjoni ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-ajruplani (servizzi MCA) fil-Komunità ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 5czb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE) tal-Anness XI mal-Ftehim:

"5czc. **32008 D 0294**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati tal-użu tal-ispettru għall-operazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-ajruplani (servizzi MCA) fil-Komunità (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/294/KE fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 105.
([2]) ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 32/2009

# tas-17 ta' Marzu 2009

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1100/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli li jsiru mal-fruntieri ta' Stati Membri fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi tal-ilma interni (Verżjoni kodifikata) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1100/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4060/89 ([3]), li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 12 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4060/89) tal-Anness XIII tal-Ftehim għandu jinbidel b'li ġej:

"**32008 R 1100**: Ir-Regolament (KE) Nru 1100/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli li jsiru mal-fruntieri ta' Stati Membri fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi tal-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 63)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1100/2008 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.
([2]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 63.
([3]) ĠU L 390, 30.12.1989, p. 18.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 33/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftheim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li jmiss għandu jiżdied fil-punti 37 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE) u 41b (id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftheim:

"— **32007 L 0058**: Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2007/58/KE bl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.
([2]) ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 34/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE tas-6 ta' Marzu 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (STI) rigward is-subsistema tal-enerġija tas-sistema ferrovjarja tranżEwropea ta' veloċità għolja ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 37af (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/735/KE) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

"37ag. **32008 D 0284**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE tas-6 ta' Marzu 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (STI) rigward is-subsistema tal-enerġija tas-sistema ferrovjarja tranżEwropea ta' veloċità għolja (ĠU L 104, 14.4.2008, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/284/KE fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*F'isem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.
([2]) ĠU L 104, 14.4.2008, p. 1.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 35/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftheim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 875/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1962/2006 [3], li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafi dwar il-ftehimiet tranżitorji għall-Bulgarija fil-punti 64a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92) u 66n (ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jitħassru.
2. Il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-punt 64a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92:

"64aa. **32008 R 0875**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 (GU L 240, 9.9.2008, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 875/2008 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.
[2] ĠU L 240, 9.9.2008, p. 3.
[3] ĠU L 408, 30.12.2006, p. 8. Edizzjoni Speċjali Bil-Malti ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 812.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 36/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 105/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2008/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li temenda d-Direttiva 2004/40/KE dwar il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampi elettro-manjetiċi) (It-tmintax-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 16jc (id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XVIII għall-Ftehim:

"— **32008 L 0046**: Id-Direttiva 2008/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 88)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/46/KE fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 31.
([2]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 88.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 37/2009

# tas-17 ta' Marzu 2009

# li temenda l-Anness XXI (Statistika) al-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008 tat-28 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar impjiegi battala fil-Komunità, fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġustament staġjonali u rapporti dwar il-kwalità ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Verżjoni kodifikata) ([3]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 ([4]), li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 hu verżjoni kodifikata tar-Regolament (Euratom, KEE) Nru 1588/90 u għalhekk għandhom jinżammu l-adattamenti attwali taż-ŻEE għal dawn tal-aħħar.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18v (ir-Regolament KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"18va. **32008 R 1062**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008 tat-28 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar impjiegi battala fil-Komunità, fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġustament staġjonali u rapporti dwar il-kwalità (ĠU L 285, 29.10.2008, p. 3)."

([1]) ĠU L 25, 29.1.2009, p. 40.
([2]) ĠU L 285, 29.10.2008, p. 3.
([3]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 70.
([4]) ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.

(2) It-test tal-punt 17 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1588/90) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32008 R 1101**: Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 70).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 2:

'(k) il-persunal tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-EFTA: l-istaff tas-Segretarjat tal-EFTA li qed jaħdem fil-bini tal-Eurostat.';

(b) fit-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1), it-terminu 'Eurostat' għandu jinbidel bi 'Eurostat u tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-EFTA';

(ċ) Is-sottoparagarfu li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 5(2):

'Dejta statistika kunfidenzjali li tiġi trażmessa lill-Eurostat permezz tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-EFTA għandha tkun aċċessibbli wkoll għall-persunal ta' dan l-Uffiċċju';

(d) Fl-Artikolu 6, it-terminu 'Eurostat' għandu, għal dawn l-għanijiet, jinqara li jinkludi l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-EFTA."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1062/2008 u (KE, Euratom) Nru 1101/2008 fl-ilsien Iżlandiz u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 38/2009

## tas-17 ta’ Marzu 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2008 tal-5 ta’ Diċembru 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 tas-27 ta’ Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta’ bilanċ tal-pagamenti ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi inċiż fil-punt 19sa (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/2006) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

“19sb. **32008 R 1055**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 tas-27 ta’ Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta’ bilanċ tal-pagamenti (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 3).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1055/2008 fl-ilsien Iżlandiż u f’dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-18 ta’ Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 25, 29.1.2009, p. 40.
([2]) ĠU L 283, 28.10.2008, p. 3.
(*) M’huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 39/2009**

**tas-17 ta' Marzu 2009**

**li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2009 tal-5 ta' Frar 2009 [1].

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/473/KE tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili tal-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 15 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/162/KE) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

'16. **32008 H 0473**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/473/KE tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili tal-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 39).'

*Artikolu 2*

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2008/473/KE bl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 59.
[2] ĠU L 162, 21.6.2008, p. 39.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 39/2009 li tinkorpora r-Rakkomandazzjoni 2008/473/KE fil-Ftehim**

"Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/473/KE tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili tal-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji tittratta mar-responsabbiltà ċivili tal-awdituri u d-ditti tal-verifika. L-inkorporazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 40/2009

## tas-17 ta' Marzu 2009

## li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn "il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2008 tal-1 ta' Frar 2008 ([1]).

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi r-Rakkomandazzjoni 2008/C 111/01 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ([2]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-paragrafu 7 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"8. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-atti tal-Komunità li ġejjin:

— **32008 H 0506(01)**: Ir-Rakkomandazzjoni 2008/C 111/01 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1)."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 38.
([2]) ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT